# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 439

KAZ NRU. 572

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Micallef

u

Malta Dairy Products Ltd.
kif rapprezentata minn
Vincent Falzon u Gaetano
Buttigieg

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 27 ta' Mejju, 1992

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese, B.A. (Hons.), M.A.

Decizjoni dwar eccezzjoni preliminari mressqa mit-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-G.W.U.

It-Tribunal intalab jiddeciedi eccezzjoni dwar jekk il-Kumpanija Malta Dairy Products imxietx mal-proceduri tal-Ftehim Kollettiv qabel waslet ghad-decizzjoni tat-temm ta' l-impjieg.

L-appellant eccepixxa li l-kumpanija ma mxietx mal-Ftehim Kollettiv u ezercitat diskrezzjoni li eccediet in-normi ta' razzjonalita fi principji fundamentali ta' gustizzja naturali. L-appellant sostna li qatt ma nstab hati ta' xi azzjoni jew ommissjoni ghaliex qatt ma ghadda minn process preliminari. Ma kellux facilita jipprezenta l-kaz tieghu billi jezamina kull xhieda kemm verbali u anke dokumentata li tingieb kontra tieghu. L-appellant ma thalliex jara xhieda permess ta' statements ghax meta ntalbu li statements tax-xhieda principali, din it-talba giet rifjutata.

Il-kumpanija fit-twegiba taghha qalet li kienet gustifikata li tittermina l-impjieg ta' Anthony Micallef minhabba li ma hstabx fuq il-post tax-xoghol tieghu waqt li kellu jkun qed jaqdi dmirijiet ta' "Security Guard" u li aggredixxa u kkaguna ferita ta' natura hafifa lid-Dairy Manager li kien hu li ma sabux f'postu. Il-kumpanija qalet li mxiet ma' artiklu 26 tal-Ftehim Kollettiv li jhalli l-process tal-ezami tal-provi esklussivament f'idejn il-kumpanija u u ghaldaqstant ghandha dritt tirregola l-proceduri kif jidhrilha hi. L-istatements mitluba nqraw u kienu jinsabu ghad-disponibilita momentanja ta' l-appellant u tal-Union. It-talba ghall-kopja kienet formalita u c-cabda taghha ma jikser ebda principju jew dritt skond il-Ftehim Kollettiv.

It-Tribunal jifhem li ghad-difiza ta' min ikun tilef l-impjieg isiru t-tentattivi kollha possibbli biex jintwera li decizjoni bhal din ma kienitx gustifikata. F'dan il-kuntest l-eccezzjoni sottomessa hi immirata lejn l-aspetti procedurali bl-objettiv li t-Tribunal ikun konvint li teknikament it-tkeccija hija invalida. L-accettazzjoni ta' din l-eccezzjoni tkun tfisser li kull impjegat ghandu d-dritt ikollu kopja bil-miktub ta' kull statement li jsir kontrih. Meta wiehed janalizza kemm il-qofol tal-procedura flimkien mal-passi u l-konswetudini isib sitwazzjonijiet ta' kazi f'azjendi differenti fejn mhuwiex imperattiv li kopji ta' statements jinghataw lill-impjegat akkuzat b'atti ta' indixxiplina. F'relazzjoni industrjali mibnija fuq fiducja u rispett lejn il-missjonijiet diversi ta' management u union li mhux necessarjament ikunu ta' ostilita jew ta' konflitt, aspetti minuri ta' formalitajiet m'ghandhomx jiehdu s-sopravvent fuq is-sustanza tal-kazi u kwistjoni.

It-Tribunal hu tal-fehma li l-fatt li l-kumpanija ghar-

raguni jiet specifici li kellba skond in-natura tal-kaz ma tatx kopji ta' l-istatements, m'ghandux jitqies bhala fattur ta' ommissjoni gravi li ggib nulla d-decizjoni tat-temm ta' l-impjieg. L-appellant u r-rapprezentant tieghu nqrawlhom l-istatements in kwistjoni u wiehed ghandu jassumi li semghuhom u fehmuhom.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jarax li kien hemm ksur jew ommissjoni tal-proceduri vigenti u b'hekk jista' issa jidhol aktar fil-mertu propju tal-allegati fatti li wasslu ghat-temm ta' l-impjieg ta' l-appellant.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU